**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 28 – IT-TNEJN 8 TA'ĠUNJU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
|---|---|---|
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

0.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru sebgħa w għoxrin (27) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

0.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**1. KORRISPONDENZA.**

1.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn is-26 ta' Mejju u s-7 ta' Ġunju 2009.

1.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1336/09. Il-Lija/Iklin Football Youth Nursery kien

qed jinfurmana li kien qed jinnomina persuna biex

jirrappreżenta l-Kunsill Lokali fil-kumitat.

1.3. Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il- korrispondenza Nru. 1355/09. Residenta minn Triq Ċensu Bugeja iffirmat dikjarrazzjoni fejn ikkonfermat li kienet sodisfatta bix-xogħol tal-membrane li għamlilha l-kuntrattur fil-bankina ta' quddiem id-dar tagħha.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondneza Nru. 1396/09. Id-Direttur tal-Gvern Lokali staqsa lill-Kunsill x'inhi s-sitwazzjoni medika tal-Kunsillier Joseph Camilleri. Il-Kunsill irrspondieh li ġie ħafna l-quddiem u dan is-suġġett sejjer jiíí diskuss fil-laqgħa li jmiss.

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1361/09. Il-Kunsill kiteb lil-Perit Edwin Mintoff biex jinfurmana f'hiex waslu l-pjanti l-ġodda tal-Proġett tal-Carpark u Pitch u l-bini tal-Uffiċċju tal-Kunsill.

Doc. A u B annessi

## 2. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il-25 ta' Mejju u t-8 ta' Ġunju 2009, kif tidher annesaa bħala dokument C.

3.2 Rigward talba Nru.26/05. Talba biex tinqala' siġra tal-Ficus mill-ġnien ta' barra f'dar privata fi Triq P.A. Cuschieri. Il-Kunsill m'approvax din it-talba.

3.3 Rigward talba Nru. 29/05-1 biex issir mera fi Triq Ġuże' Galea faċċata ta' Triq Ċensu Busuttil biex il-vetturi ħerġin minn Triq Ġuże' Muscat Azzopardi jaraw vetturi telgħin meta jduru l'isfel għal Triq Ċensu Busuttil. Il-Kunsill approva li ssir il-mera.

3.4 Rigward ilment Nru 29/05-2 dwar ħofor li hemm quddiem dar nru. 52, Triq Karm Vassallo. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.5 Rigward ilment Nru. 08/06-1 biex jinżabru s-siġar ta' Triq Dun Karm man-naħa ta' l-Iklin għaliex iffullaw ħafna. Il-Kunsill sejjer jieħu passi u jinfurma lil ta' l-Agrikultura.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah l-Kunsillier Ronald Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq ir-Rendikont tal-Weekend Break li sar mis-17 ta' April sat-19 ta' April 2009 fil-Lukanda Paradise Bay Hotel. Il-Kunsill ħareġ biss €2.00 fuq is-somma li daħlet. Dan ir-Rendikont ġie approvat unanimament.
Doc. E anness.

**5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.**

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet t-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 07148/07. Plot No. 4, Triq il-Wied. Biex tinbena bungalow u swimming pool. Kien hemm rikmandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata. Id-deċiżjoni oriġinali tibqa'.

5.3 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 01760/09. "Change of use" minn garaxx għal-ħanut taż-żebgħa u twaħħil ta' tabella ġo Majjorkin, Triq l-Iklin.
PA 05831/07. Biex jiġi approvat farm kif inbena. Id-Dwejra Farmhouse, Triq ix-Xwieki, Tat-Tabib.
PA 00932/09. Alterazzjonijiet fl-ewwel sular, bini ta' sular ieħor u penthouse ġo Dar Tana, Triq il-Klin c/w Triq Geronimo Abos
PA 02018/09. Proposta ta' *"Communication Tower Antenna"* fis-sit, Triq tal-Balal.

5.4 Il-konsulent tekniku tagħna talabna nagħmlu oġġezzjoni fuq PA 01760/09 "Change of use" minn garaxx għal ħanut taż-żebgħa ġo Majjorkin, Triq l-Iklin.

**6. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li fl-aħħar ingħata t-tarmak f'parti minn Triq Karm Vassallo mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. Il-Kunsill għamel il-'parking-Bays minnufih kif kien wiegħed.

6.2 Ħabbar ukoll li applikajna għal fondi tal-Unjoni Ewropea biex nibnu mil-ġdid xi ħitan tas-sejjiegħ fil-parti mhux urbana tal-Iklin.

6.3 Is-Sindku Anthony Dalli kompla ħabbar li l-Kunsill Lokali Iklin kien qed jipparteċipa fil-Patt tas-Sindku. Dan is-suġġett ġie msemmi mis-Sindku Anthony Dalli fl-aħħar laqgħa tal-11 ta' Mejju 2009.

Issa kien wasal iż-żmien biex nikkonferaw is-sħubija tagħna billi s-Sindku iffirma " *l-Adhesion Form"* u din sejra tintbgħat minnufih lil-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li qed jieħdu ħsieb din l-inizjattiva hawn Malta.

6.4 Is-Sindku qal li hemm bżonn jerġgħu jinżebgħu l-linji bojod ta' Triq il-Wied u *l-istops* li jagħtu għal Triq il-Wied għaliex marru għal kollox. Kien hemm qbil unanimu u dawn ġew approvati.

6.5 Is-Sur Dalli qal li ltaqa' ma' tabelli li jixgħelu bis-solar energy bħal tabelli quddiem 'zebra-crossing', 'slow' quddiem playingfields u oħrajn. Dawn huma effettivi ħafna għaliex jolqtu l-għajn speċjalment bil-lejl. Għaldaqstant talab lis-Segretarju jindaga mal-kuntrattur tagħna għandux minnhom u xi prezzijiet għandhom.

6.6 Is-Sindku qal li ried jgħid prosit lil-organizzaturi tal-mawra li għamel fil-kumpless ta' Bighi għax verament kienet interessanti u edukattiva, iż-żjara li saret hemmhekk nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju mill-Kunsill Lokali Iklin.

7. **AĠĠORNAMENT.**

7.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit irreferit għal-laqgħa li kellu l-Kunsill ma' Perit tal-ADT dwar il-linji s-sofor ta' Triq Pawlu Grech u staqsiet għaliex tneħħew meta kellu konferma li dawn kien approvati.
Is-Sindku Anthony Dalli qalla li dawn tneħħew politikalment qabel l-elezzjonijiet minn xi ħadd minn ġewwa l-ADT stess u bla ma ġie nfurmat il-Kunsill Lokali.
Is-Sur Dalli kiteb lil-Ministru ikkonċernat bid-dettalji kollha.
Is-Sindku qiegħed jitlob apoloġija mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta għal dan l-aġir

7.2 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-6.15 pm u sar qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2009 fis-5.30 pm.

Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgha tal-Kunsill tat-Tnejn 13 ta' Lulju 2009 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv. |